SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 43/K4/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/02/'05 188**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/02/'05 241**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Marcel Scicluna.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-23 ta' Frar 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Budget / Business Plan
4. Performance Bonus
5. Attivita' Jum San Ġiljan
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 42/K4/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 l-Kunsillier Norman Vella ressaq emenda għal Paġna 1 Taqsima 1 kif ġej:-

- ✓ Paragrafu 1.04 wara l-kelma Scicluna jitniżżel il kliem **il-Kunsillier Norman Vella**.
- ✓ Paragrafu 1.05 wara l-kelma assenti jitneħħew il-kliem **il-Kunsillier Norman Vella**

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 42/K4/05 kif emendati.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg ssekondatu.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.08 Il-Kunsillier Nicky Pillow wasal fl-4.10 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 766 | Ittra mingħand il-Water Services Corporation rigward resurfacing of Roads and upgrading of pavements f'San Ġiljan. |
| 336 | Ittra mingħand l-Għonnella Restaurant rigward il-bankina li hemm mal-ġenb tar-restaurant. |
| 346 | Ittra mingħand il-kwartieri tal-Pulizija rigward Laison Officer għal-lokalita' ta' San Ġiljan. |
| 406 | Ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Road re-instatement agreement. |
| 451 | Ittra mingħand Ms. Irene Naudi rigward l-istat ħażin li qiegħed fih it-taraġ li hemm fi Triq Angelo Pullicino. |
| 603 & 651 | E-mails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ittra tal-Kunsill rigward servizz ta' tindif fil-Millenium Chapel. |

697 Ittra mingħand Special Rescue Group rigward ammont ta' flus li qiegħed jitlob.

747 Ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni rigward ħlas bil-quddiem għal avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern.

760 E-mail mingħand Information Technology Services Ltd rigward Sage Line 50 upgrade.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru 766

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Water Services Corporation rigward **resurfacing of Roads and upgrading of pavements f'San Ġiljan**.

2.03 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker irreferit għall-korrispondenza, incoming reference 3918, li nqrat f'laqgħa 37/K4/04, dwar l-istess suġġett. Hija ġibdet l-attenzjoni li l-estimu ta' **civil works** skond din il-korrispondenza kien ta' Lm2,383 iżda wara li ntbagħtet l-approvazzjoni l-Kunsill irċieva il-korrispondenza 766.

2.04 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li:-

- ✓ jibqa' jsostni li jħallas l-ammont ta' Lm2,383 minħabba li l-Kunsill kien diġa bagħat l-approvazzjoni qabel irċieva l-korrispondenza bl-ammont rivedut
- ✓ il-Kunsill diġa ħadem il-budget annwali tiegħu u ma jistax jiġi f'defiċit.

2.05 Madankollu jekk il quddiem ikun hemm xi problemi mal-Water Services Corporation, li tkun ser taffettwa x-xogħlijiet tat-toroq, ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello jiddiskuti u jasal f'kompromess magħhom.

2.06 Il-Kunsillier John Agius wasal fl-4.20 p.m. u ġie skużat fl-4.21 p.m.

2.07 Rif. Nru 336

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għonnella Restaurant rigward il-bankina li hemm mal-ġenb tar-restaurant, il-Kunsill aċċetta li din ma titneħħiex.

2.08 Rif. Nru 406

B'riferenza għaċ-ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward **Road re-instatement agreement** mal-Korporazzjoni għas-

Servizzi ta' l-Ilma ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jistenna d-direttiva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qabel jiġi ffirmat il-ftehim.

2.09 Rif. Nru 451

B'riferenza għall-ittra dwar l-istat ħażin li qiegħed fih it-taraġ li hemm fi Triq Angelo Pullicino, ġie deċiż unanimament li jittieħed parir mill-Perit biex naraw jekk tistax tiġi solvuta din il-problema, u fil-każ tingħata stima sabiex jiġi rranġat it-taraġ. Madankollu s-Sinjura Naudi ser tiġi nfurmata li l-Kunsill ser jieħu kull azzjoni neċessarja u jista' jkun li l-quddiem ikun hemm il-bżonn li tiġi kkuntattjata għal aktar informazzjoni.

2.10 Rif. Nri 603 u 651

Saret riferenza għall-e-mails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ittra tal-Kunsill rigward servizz ta' tindif fil-Millenium Chapel. Ġie deċiż unanimament li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat illi l-pagamenti li l-Kunsill qed iħallas għas-servizz ta' tindif huwa minħabba li l-Kunsill qiegħed juża' l-bini tal-Millenium Chapel bħala Day Centre għar-residenti ta' Paceville / San Ġiljan. Minbarra hekk f'dan il-post isiru laqgħat għall-Kommunita' li huma spiss organizzati mill-Kunsill. Għaldaqstant kopja ta' l-ittra u l-ittri li rċevejna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jintbagħtu lill-Millenium Chapel.

2.11 Rif. Nru 697

B'riferenza għall-ittra mingħand Special Rescue Group rigward ammont ta' flus li qiegħed jitlob, Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni illi l-ftehim qatt ma kien hekk u li l-Kunsill qatt ma rċieva kontijiet. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li l-iSpecial Rescue Group jiġu nfurmati li l-Kunsill qatt m'għamel ftehim magħhom u għalhekk għandhom jirreferu it-talba tagħhom lill-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu.

2.12 Rif. Nru 760

B'riferenza għall-e-mail mingħand Information Technology Services Ltd rigward Sage Line 50 upgrade, ġie deċiż unanimament li jsir l-upgrading tas-Sage Line 50.

**2.1** Saret sospensjoni tar-regolamenti biex jiġu diskussi items 4 u 5 qabel item 3.

**2.2** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4 Performance Bonus**

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Performance Bonus ta' l-impjegati għall-approvazzjoni. Hu għamel riferenza għal Avviż Legali 127 ta' l-1998 regolamenti 6 u 19.

4.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-performance bunus minħabba li tieħu kull inizzjattiva, hija effiċjenti, il-livell tax-xogħol tagħha huwa għoli u teċċedi dak nistenni minnha.

4.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05 B'riferenza għall-performance appraisal ta' l-iskrivani s-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li dawn jingħataw il-performance bonus.

4.06 Il-Kunsillier Nicky Pillow ippropona l-approvazzjoni tal-Performance Bonus ta' l-iskrivani.

4.07 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

4.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.09 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill.

**5. Attivita' Jum San Ġiljan**

5.01 Ġie deċiż unanimament li ssir ħarġa għall-anzjani bħala attivita għal Jum San Ġiljan u li din issir nhar il-Ħamis 7 t'April 2005.

**3. Approvazzjoni ta' Budget / Business Plan**

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tal-Budget / Business Plan. (Ara Appendiċi 'A u B')

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker tat spjegazzjoni ddettaljata.

3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li wara li sar il-budget preparation, ibbażat fuq ir-rapport finanzjarju sat-30 ta' Novembru 2004, ġew utilizzati parti mill-fondi disponibbli għalhekk kellu jiġi aġġustat il-budget.

3.04 Hawnhekk iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li:-

- ✓ l-Kunsill irċieva certification mingħand l-MP&DC għax-xogħlijiet fuq iz-zuntier tal-Knisja Lapsi, in-naħa ta' Sullivan, li saru minn Hal Mann. Dawn ix-xogħlijiet jammonta għall-Lm8,111.99. Madankollu l-Kunsill kull ma kellu allokat huwa Lm268.

- ✓ Huwa ta ordni sabiex isir dawl ġdid f'diversi toroq kif ukoll jiġi rranġat dawl ieħor. Dawn jammontaw għal madwar Lm 1861.00
- ✓ Hemm bżonn li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Ta' Ġiorni minn ħdejn il-masionettes sa ħdejn Triq il-Fagu.

3.05 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-ispejjeż kollha għal dawn ix-xogħolijiet jittieħdu mill-ammont ta' Lm30,000 li ġie allokat fuq il-playing field ta' Triq B'Kara.

3.06 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan kif emendati.

3.07 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

6.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1782 sa 1802 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1782 sa 1802.

7.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Il-Kunsilliera Irene Borg ġiet skużata fis-5.45 p.m

**8. Materji Oħra**

8.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

- ✓ inħareġ it-tender tal-Mini-Van Circular Service (Tender no. 6/04-05), l-offerti jalqgħu nhar it-Tnejn 7 ta' Marzu 2005 fis-2.30 p.m.

- ✓ iċ-Charmain Peter Bonello għandu 'remote control' tal-bieb tal-garage ta' mat-triq. Dan ser jiġi rritornat fl-aħħar ta' Marzu.

- ✓ r-Residential Parking għal Paceville Hamlet u xi toroq oħra ser jibda fi żmien qasir u fil-preżent qegħdin jitwaħħlu t-tabelli.

8.04 Saret riferenza għall-minuti 42/K4/05 taqsima 6 para 6.02 dwar tqegħid ta' litter bins ħdejn il-bus stops ( rif. request sheet nru 1781). Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li vverifikat mal-Kunsill Lokali Gżira fejn saru l-bins li għandhom imwaħħlin fil-lokalita' tagħhom u ġiet nformata verbalment mis-Segretarju Eżekuttiv li dawk saru mill-ħaddiema tat-tarzna li għandhom assenjati magħhom.

8.05 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li s-Sindku Peter Bonello javviċina wieħed minn dawn il-ħaddiema biex jara jekk jaċċettawx li jagħmlu bħalhom għall-Kunsill San Ġiljan u fil-każ tintalab stima.

8.06 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja taċ-ċertifikati ta' l-ECDL tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani.

8.07 B'riferenza għall-Minuti 42/K4/05 inġabru l-kwotazzjonijiet għall-bankijiet biex jitqiegħdu f'Paceville u biex jinbidlu dawk tal-playing field ta' B'Kara Road. (Ara Appendiċi 'E')

8.08 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintgħażel il-kwotazzjoni Fix All.

8.09 Ġie deċiż li:-

- ✓ jinxtraw tazzi u paper weights bl-arma tal-Kunsill.
- ✓ L-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill issir nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2005 fis-2 p.m. biex jiġu approvati l-minuti.

8.10 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |